MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2012

Numru. 399/2009

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Sarah Ann Gatt, mart Jean Pierre, bint Alfred Falzon, imwielda Pieta’ fl-1 ta’ Ottubru, 1980, karta ta’ l-identita numru 463780(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata:
1. talli f’Diċembru, 2008 u fil-ġimgħat immedjatament preċedenti f’dawn il-Gżejjer, ikkomettiet serq ta’ cheque bankarju, bin-numru 136, tal-bank HSBC, għad-dannu tas-soċjeta’ ‘BS Trading Ltd.’, liema serq hu kkwalifkat bil-persuna;
2. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, b’mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq ieħor, ingann, jew billi wriet

ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar ġrajja kimerika, għamlet qliegħ ta' aktar minn €2,329.37 għad-dannu tas-soċjeta' 'Intercomp Marketing Ltd.';
3. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi xjentement għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummmerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi;
4. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi xjentement għamlet użu minn dokument falz.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputata għandha tħallas is-somma ta' €7,200 bilanċ ta' ammont akbar lis-soċjeta' 'Intercomp Marketing Ltd.'.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru, 2012 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 261(d), 268(a), 281(a), 308, 183 u184 tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali netta u ir-rieda li tħallas is-somma hawn fuq indikata lis-soċjeta' 'Intercomp Marketing Ltd.'. Tikkundannaha għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputata li tħallas is-somma ta' €7,200 lis-soċjeta' 'Intercomp Marketing Ltd.' fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------